MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 489/1999/1

**P.J. Sutters Company Limited**

**Vs**

**Reno Attard ezercenti l-kummerc taht l-isem**
**“John Attard”**

Il-Qorti,
Rat l-avviz in ezami li bih s-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundanat li jhallas s-somma ta’ tmien mija tnejn u sittin Liri Maltin u sebghin centenzmu (Lm862.70) dovuta minnu bhala bilanc ta’ prezz ta’ merce lilu mibjugha u kkonsenjata.

L-imghax dekorribbli mit-8 ta’ Ottubru 1997.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ qbid mahrug ma’ dana l-att.

L-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett :-

1. illi mis-somma mitluba hija dovuta biss is-somma ta’ erba’ mija u tliet liri u sebghin centezmu (Lm403.70), u dana minhabba li mis-somma mitluba trid titnaqqas is-somma ta’ mitejn u wiehed u disghin Lira u ghoxrin centezmu (Lm291.20) billi parti mill-merkanzija konsenjata mis-socjeta’ attrici ghall-valur ekwivalenti, ittiehdet lura mill-istess socjeta’ minhabba li kienet ta’ kwalita skadenti; filwaqt li l-konvenut sofra danni ta’ sebgha w sittin lira (Lm67) konsistenti f’telf ta’ qligh, kawzat mis-socjeta’ attrici, liema somma ghandha tigi kompensata mat-talba attrici, u dwar liema danni qeghda ssir kontestwalment, kontro-talba.

Rat il-<u>kontrotalba</u> tal-istess konvenut (fol 4 u fol 5 ibid) u li biha l-istess konvenut talab sabiex is-socjeta’ attrici tghid il-ghaliex ma ghandhiex thallas lill-konvenut is-somma ta’ sebgha w sittin lira (Lm67) bhala danni kawzati minnha lill-konvenut,konsistenti f’telf ta’ qligh, meta hija naqset milli tikkonsenjalu 50 ”heads” tal-prodott “KEFALOTIRI CHEESE” u dana bi ksur ta’ kuntratt ta’ bejgh li kienet ghamlet mal-konvenut fir-rigward ta’ din il-merce.

Bl-ispejjez kontra taghha, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 67 u a fol 73.

<u>Ikkunsidrat</u>

illi, kif rizultanti mill-istess eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut, mis-somma mitluba, Lm403.70 huma effetivament dovuti. In rigward il-bilanc, dan ma hux dovut peress li “parti mill-merkanzija konsenjata mis-socjeta’ attrici ……. ittiehdet lura mill-istess socjeta’ minhabba li kienet ta’ <u>kwalita skadenti</u> u minhabba li l-istess konvenut kien sofra danni ammontanti ghal Lm67 konsistenti f’telf

ta' qligh kagunat meta l-istess socjeta' attrici naqset li kkonsenjat prodott, kif specifikat u spjegat fl-imsemmija kontrotalba u dan bi ksur ta' kuntratt ta' bejgh.

Ikkunsidrat

Illi kif spjega Jesmomd Ciantar (fol 14 u fol 22 et sec ibid), il-merkanzija msemmija fl-avviz kienet tikkonsisti f'tnejn u erbghin (42) kaxxa ta' butir mibjugha lill-konvenut matul Mejju 1997 u f'ghoxrin (20) kaxxa ohra tal-istess prodott mibjugha f'Lulju 1997. Pero' matul Awissu tal-istess sena, il-konvenut kien radd lura minghajr awtorizazzjoni, wiehed u erbghin (41) mill-istess kaxxi. Dwar dan ix-xhud ippreciza illi l-konvenut kien hallas il-prezz kollu hlief ghal-ahhar konsenja konsistenti f'ghoxrin kaxxa kif diga inghad. Difatti, kien intlahaq kompromess fis-sens illi "…… inkompli nikkonsenjalu u ihallasni "cash" sakemm tigi rrangata l-kwistjoni dwar jekk il-butir ritornat" li meta dan sar "…… kien imdewweb u mhux fi stat tajjeb", stat ta' fatt li skond ix-xhud kien jindika "……. storage hazin u li kien thalla l-istess prodott barra da parti tal-konvenut. Inoltre, hu kien inghata "post-dated cheque" ghall-ammont ta' Lm724.70) u bid-data tat-23 ta' Ottubru 1997, liema "cheque" ma kienx gie imsarraf ghax kien inghalaq il-kont relattiv (ara d-dokumenti mmarkati Dok PJ4 u Dok PJ5 a fol 27 u fol 28 tal-atti), hawnhekk pero' ix-xhud qal li xtaq jiccara "……. ix-xhieda tieghi". Difatti, huwa sostna li l-ammont mitlub fl-avviz ma kienx jirreferi ghall-butir gja msemmi izda ghal "konsenja" ohra li kienet saret f'Lulju 1997. In rigward il-butir ritornat, dan il-fatt kien avvera ruhu qabel ma kien gie ritornat f'Awissu 1997 il-butir allegatament difettuz u sadanittant kienet saret konsenja ohra f'Lulju tal-istess sena. In oltre l-istess butir kien gie ritornat qabel ma kien gie verifikat illi, effetivament, kien difettuz, mis-"salesman". Wara li ssir tali verifika u jirrizulta li difatti, jkun hemm difett illi hu kien jkun f'pozizzjoni li tinhareg "credit note" favur l-klijent. Fl-ahhar nett hu sostna li kienu saru "konsenji ohrajn lil diversi "supermarkets"" minghajr ebda ilment. L-istess xhud kien rega' xehed u esebixxa tlett fatturi (Dok PJ1, Dok PJ2 u Dok PJ3 a fol 29 sa 31 ibid) liema fatturi jirreferu ghall-ammont pretiz fl-avviz in esami. Illi xehed is-"salesman"

involut f'dan il-kaz Martin Gatt (fol 24 u fol 56 et sec ibid). Dan spjega illi, meta kienet saret il-konsenja ma kien hemm ebda ilment mill-konvenut. In oltre permezz ta' telefonata, l-istess konvenut "b'ton panikuz qalli li kellu l-"cold room" bil-hsara u ma kellux post fejn jzomm il-butir gia konsenjat lilu". In oltre x-xhud kien baghat "van" ghand il-konvenut sabiex jingabar l-istess butir u jinzamm fil-"cold room" tas-socjeta' attrici. Izda meta l-istess prodott kien wasal fil-post indikat, id-"delivery man" kien informah li l-istess butir ma kienx f'kundizzjoni tajba u x-xhud kien informa lill-konvenut dwar dan il-fatt. Pero' fil-fehma tax-xhud, il-konvenut kien "dahaq bina", ghax kien qal lill-istess xhud li kien baghat il-prodott lura "sabiex nohduh lura".

Ikkunsidrat

Illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2002 (fol 34 ibid) il-konvenut kien, quddiem l-istess Qorti, ta "cheque" lis-socjeta' attrici "dan akkont ta' l-ammont pretiz fl-avviz, liema ammont ma hux kontestat" u ammontanti ghal Lm503.70, kif specifikat fin-nota tal-eccezzjonijiet. Pero' l-istess "cheque" kien gie ritornat lura lill-konvenut meta "…..Dr Tufigno xtaq jiverbalizza li c-cekk in kwistjoni l-ewwel ser jigi approprijat lill-imghaxijiet dovuti". Fl-istess seduta xehed il-konvenut (fol 36, fol 44 u fol 53 et sec ibid) li xehed a bazi ta' notamenti esebiti in atti a fol 41 et sec ibid. Dan qal illi kien hemm, fil-perjodu in kwistjoni, zewg konsenji ta' margerina skond il-fatturi bin-numri 26727 u 26978 bid-dati, rispettivi tal-25 ta' Lulju 1997 u tal-31 ta' Mejju 1997. F'dan il-perjodu x-xhud cahad li kien hemm xi hsara fil-"cold room" tieghu. In oltre bejn il-25 u l-31 ta' Lulju 1997, kien gie Martin Gatt, kif kien jaghmel ta' kull gimgha u hu kien mal-konsenja gibed l-attenzjoni tieghu "…. li l-kaxxi tal-margerina kellhom ……. (dik) ta' barra mcappsa……… tillikja", u dan b' referenza ghall-konsenja li kienet saret fil-25 ta' Lulju 1997. Skond ix-xhud meta gara dan, l-istess "salesman" kien qallu "……sabiex ahna naghmlu sforz akbar sabiex inbieghu il-margerina". Sussegwentament kienet saret fil-31 ta' Lulju 1997 konsenja ohra ta' ghoxrin (20) kaxxa tal-istess prodott. Pero' "……ahna waqqafna milli nkomplu inbieghu minn din il-margerina" peress li "il-

problema ……. kompliet tiggrava (kumment tal-Qorti : povru konsumatur!!). Ghalhekk, kien qal lill-istess Martin Gatt “sabiex jigi ghaliha” u l-margerina kienet giet migbura u mehuda lura minn “…..nies taghhom”. Dwar dan skond ix-xhud “…..ittiehdu lura z-zewg konsenji hlief ghal xi ftit ….. ghax ilhaqna bieghhejna xi haga mill-margerina” (ditto). Sussegwentament kienu saru xi nkontri sabiex tinstab soluzzjoni ghal dan il-kontestazzjoni u f’wahda minnhom meta kien presenti l-istess Jesmond Ciantar “…..konna xtrajna konsenja ta’ gobon bl-isem “Kefalotiri” bi ftehim anke fuq il-prezz. Pero’ kien hemm dewmien fil-konsenja ta’ dan l-ahhar prodott. Difatti fit-8 ta’ Ottubru 1997 ossia hames gimghat wara li saret l-ordni u dan “….minhabba …..li l-prezz…..kien spara ‘l fuq” waqt li, pero’, Jesmond Ciantar kien qallu li “…..ma kienx fadallu aktar”. Dan il-punt, kien imsemmi mill-istess Jesmond Ciantar li qal li fil-fatt kellu disponibbli biss hamsin (50) kaxxa li gew konsenjati. Pero’ il-kaxex rimanenti ma kienux gew konsenjati minhabba “il-kwistjoni ta’ pagamenti” specjalment “…..li ma kienx isarraf dak ic-cekk ……” (ara fol 17 ibid). Sussegwentament l-istess konvenut esebixxa <u>prospett</u> (fol 46 ibid) dwar il-pretezjonijiet tieghu in rigward  konsenja ta’margerina difettuza u telf ta’ qliegh in rigward il-kaxex ta’ gobon li m gewx konsenjati (ara wkoll ix-xhieda ta’ hu l-konvenut <u>Philip Attard</u> a fol 47 u fol 62 et sec ibid)

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dawn huma in sintesi l-provi kollha prodotti mill-partijiet u mall-istess provi jidher li l-konvenut ma kienx qed jikkontesta illi l-ammont ta’ Lm403.70 izda qed jikkontesta l-bilanc li jirreferi ghal valur ta’ merkanzija ta’ kwalita’ skadenti konsenjata, liema merkanzija kienet ittiehdet lura mis-socjeta’ attrici. Fil-fatt ghadu jinghad illi l-ammont ma kienx kontestat ghandu jizdied b’Lm67.00 liema ammont hu dak pretiz mill-konvenut minhabba telf ta’ qliegh fuq nuqqas da parti tas-socjeta’ attrici li tikkonsenja hamsin kaxxa ta’ gobon, kif hemm specifikat fl-istess kontro talba. Dan il-fatt jirrizulta b’mod l-aktar car mill-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Frar 2002, hawn fuq citati.

Ikkunsidrat

Illi minn analizi tax-xhieda, jidher li hemm zewg verzjonijiet konfligenti bejniethom dwar l-istat tal-butir jew margerina meta dan il-prodott kien konsenjat lill-konvenut. Pero' l-Qorti tara li hemm indizji li effetivament il-prodott konsenjat kien fi stat tajjeb.

Dawn huma kif ser jinghad :-

a) l-istess konvenut ammetta li kien biegh parti mill-istess prodott lill-terzi opersuni u l-Qorti ssibha difficli li temmen li seta' nbiegh prodott ta' kwalita kif deskritta mill-konvenut lill-istess terzi persuni.
b) Il-Qorti tara li ma tistax temmen il-versjoni tal-konvenut meta jigi kkunsidrat il-fatt illi l-istess konvenut kien hareg "post dated cheque" sabiex jhallas ghal parti kbira tal-istess konsenja allegatament difettuza. Dan ic-"cheque" (ara fol 27 ibid) kif diga inghad ma kienx gie onorat ghar-raguni hemm specifikata u kien datat ("post dated") it-23 ta' Ottubru 1997.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-kontro talba in ezami, il-konvenut ma gabx provi sufficenti sabiex jisostanzja din it-talba b'mod specjali in rigward il-"quantum" pretiz. Ghadu jinghad, ulterjorament illi kien jispetta lill-konvenut sabiex jipprova, fuq bazi ta' probabilita' illi hu sofra telf ta' qliegh minhabba xi nuqqas da parti tas-socjeta' attrici, li iggustifikat dan il-fatt minhabba problemi fil-pagamenti, kif hawn fuq spjegat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad il-kontrotalba kif proposta mill-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundana lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premess sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm862.70 bl-imghax legali mit-8 ta' Ottubru 1997 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk l-istess kontrotalba u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tat-8 ta' April 1999, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------